MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 652/1999/1

**SALV. BEZZINA & SONS LIMITED**

vs

**VELLA ALUMINIUM LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-17 ta' Marzu, 1999, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-kumpannija attriċi talbet li din l-Qorti (i) ssib li l-kumpannija mħarrka għandha tħallasha s-somma ta' erbat elef tliet mija u tnejn u disgħin lira Maltin u sebgħa u ħamsin ċenteżmi (Lm 4,392.57)[1] li tirrappreżenta l-bilanċ dovut u mhux imħallas għal servizzi li l-istess kumpannija mħarrka qabbditha tagħmlilha iżda li ma ħallsithiex tagħhom; u (ii) tikkundanna lill-istess kumpannija mħarrka tħallasha dak l-

[1] Li jġibu € 10,231.94 fi flus tal-lum

ammont jew somma oħra verjuri. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali sal-jum tal-ħlas effettiv;

Rat il-provvediment tagħha (diversament presjeduta) tad-9 ta' Frar, 2000[2], li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, sabet li l-kumpannija mħarrka tat raġuni tajba biex titħalla tikkontesta l-kawża, u tatha żmien biex tressaq in-Nota tal-Eċċezzjonijiet;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fil-25 ta' Frar, 2000, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li, minkejja li l-kumpannija attriċi ntrabtet magħha biex tagħtiha s-servizzi mitluba, l-istess attriċi wettqet biss parti minnhom u għal dak li wettqet tħallset f'kollox. Għalhekk qalet li ma għad fadal xejn x'jitħallas lill-attriċi;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-27 ta' Ottubru, 2000[3], li bih ordnat lill-kumpannija mħarrka tressaq il-provi u d-dokumenti hemm mitluba;

Rat u semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Frar, 2006[4], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u ordnat li t-trattazzjoni tal-għeluq issir b'Noti ta' Osservazzjonijiet u tat lill-partijiet żmien għal hekk;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fil-5 ta' April, 2006[5];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fit-13 ta' Ġunju, 2006[6], bi tweġiba għal dik imressqa mill-kumpannija attriċi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[2] Paġġ. 21 sa 31 tal-proċess
[3] Paġ, 37 tal-proċess
[4] Paġ. 139 tal-proċess
[5] Paġġ. 140 – 7 tal-proċess
[6] Paġġ. 149 sa 152 tal-proċess

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għall-ħlas ta' bilanċ dwar servizzi mogħtija. Il-kumpannija attriċi kienet tqabbdet mill-kumpannija mħarrka biex tikrilha krejn li kellu jintuża biex jinħattu torrijiet (*antennae*) li l-kumpannija mħarrka kienet intrabtet li tħott. Il-kumpannija attriċi tgħid li għad fadlilha titħallas bilanċ minħabba l-kirja tal-inġenji provduti minnha, iada l-kumpannija mħarrka naqset li tħallasha bla ebda raġuni tajba;

Illi min-naħa tagħha l-kumpannija mħarrka tgħid li ladarba l-kumpannija attriċi ma wettqitx dak li ntalbet tagħmel, it-talba għall-ħlas ma hix tajba, minbarra l-fatt li l-istess kumpannija attriċi tħallset ta' dak kollu li għamlet;

Illi l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li l-kumpannija mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa "VAL") kienet rebħet sejħa għall-offerti maħruġa minn *Deutsche Welle*, biex jinħattu t-tliet torrijiet (*antennae*) li dak l-istazzjoni kellu fi Xrobb l-Għaġin, fl-inħawi ta' Dellimara. Wara li ngħatat dak l-appalt, VAL talbet lill-kumpannija attriċi (aktar 'il quddiem imsejħa "Bezzina") tipprovdilha krejn – tal-għamla *Gottwald AK250* – biex jintuża għall-ħatt tal-imsemmija torrijiet;

Illi fl-4 ta' Marzu, 1997[7], VAL aċċettat il-kundizzjonijiet ta' Beżżina għall-prezz ta' ħdax-il elf u ħames mitt lira maltin (Lm 11,500)[8], u bil-kundizzjonijiet hemm imfissra. Dik il-kirja kienet maħsuba li ttul għal tnax-il (12) jum u li l-krejn kellu jiċċaqlaq darbtejn minn arblu għal ieħor huma hu jinħattu. VAL kellha wkoll tieħu ħsieb toħroġ polza ta' assikurazzjoni għal waqt li jkun qed jitħaddem il-krejn tul

[7] Dok f'paġġ. 80 – 1 tal-proċess
[8] Li jġibu €26,787.79 fi flus tal-lum

il-proċess tal-ħatt tat-torrijiet. Il-krejn kellu jitħaddem għal disa' sigħat u nofs kuljum fid-dawl tax-xemx u Beżżina kellha tqabbad nies ta' ħila min-naħa tagħha biex iħaddmuh. F'każ li l-krejn kellu jibqa' jitħaddem aktar mit-tnax-il jum miftehma, VAL kellha tħallas lil Beżżina Lm 575 kuljum għal kull jum żejjed;

Illi fit-18 ta' Marzu, 1997[9], VAL kisbet il-ħruġ ta' polza ta' assikurazzjoni għal żmien ta' erba' (4) ġimgħat b'seħħ minn dak inhar, u taħt il-patti u l-kundizzjonijiet imfissra f'*cover note* maħruġa dakinhar;

Illi VAL ħadet ħsieb tqiegħed mogħdija mbattma temporanja madwar it-torrijiet biex il-krejn ikun jista' jitwassal sa quddiemhom. Din tfasslet fuq speċifikazzjonijiet li tat Beżżina nnifisha[10] u għal dan, VAL qabbdet ditta li xogħolha huwa t-tqegħid tat-toroq[11]. Sal-25 ta' Marzu, 1997, Beżżina kienet ġarret il-krejn sas-sit u ramatu u għarrfet lil VAL li setgħet tibda tħaddmu mill-għada[12]. Dakinhar, VAL ħallset lil Beżżina elfejn u tliet mitt lira Maltin (Lm 2,300) akkont bil quddiem qabel inbeda x-xogħol, skond kif kien miftiehem fil-kundizzjonijiet tal-kirja. Ix-xogħol tal-ħatt tal-ewwel torri beda fis-26 ta' Marzu, 1997, u ntemm fid-9 ta' April, 1997[13];

Illi meta l-krejn ġie biex jitressaq quddiem it-tieni torri, Beżżina ħadet id-deċiżjoni li ma żżarmahx, iżda li ssuqu sa quddiem dak it-torri. Inqalgħu xi diffikultajiet dwar jekk il-mogħdija kenitx tiflaħ il-piż tal-krejn u dwar jekk kenitx imbattma sewwa. VAL ħadet ħsieb biex tagħmel l-aċċertamenti ulterjuri, fosthom billi ħaddmet romblu tal-erbgħin (40) tunnellata biex jerġa' jgħaddi minn fuq il-mogħdija. Sar ukoll *compaction test* fil-preżenza ta' kulħadd, magħdud rappreżentant ta' Beżżina, u ħareġ riżultat tajjeb li minnu ħadd ma lmenta[14]. Fis-16 ta' April, 1997[15], VAL bagħtet tgħarraf lil Beżżina li l-mogħdija

---

9 Dok f'paġġ. 76 – 7 tal-proċess
10 Xhieda ta' A.I.Ċ. Ivan Coleiro 15.1.2001, f'paġ. 44 tal-proċess
11 Xhieda ta' Jimmy Vella 10.11.2005, f'paġġ. 133 – 4 tal-proċess
12 Dok f'paġ. 75 tal-proċess
13 Xhieda tal-A.I.Ċ. Ivan Coleiro 9.12.2004, f'paġ. 105 tal-proċess
14 Xhieda ta' Jimmy Vella 10.11.2005, f'paġ. 137 tal-proċess
15 Dok f'paġ. 72 tal-proċess

kienet invellata u l-krejn seta' jittieħed quddiem it-torri li kien imissu jinħatt;

Illi, minkejja dan, Beżżina għażlet li ma tiħux riskju, kemm għaliex l-operatur tal-krejn avżaha b'riskju bħal dak[16] u wkoll għaliex bdiet tiġbed l-attenzjoni ta' VAL li, sadattant, il-polza ta' assikurazzjoni kienet għalqitilha ż-żmien tagħha, u li kellha tibgħatilha akkont ta' ħlas ieħor wara li kien inħatt l-ewwel torri, kif miftiehem[17]. Billi VAL kienet marbuta ma' *Deutsche Welle* li tħott it-torrijiet sa żmien miftiehem u kienet teħel il-penali għad-dewmien b'seħħ mis-16 ta' April, 1997, qabbdet nies u ħattew iż-żewġ torrijiet li kien għad fadal billi sserrawhom u gerrbuhom lejn l-art minflok ħattewhom biċċa biċċa[18]. Dan kollu sar sad-19 ta' April, 1997[19];

Illi fil-21 ta' April, 1997[20], Beżżina bagħtet kont lil Val għall-ħlas ta' Lm 9,815, li jirrappreżenta l-bilanċ mill-kuntratt tal-kirja li ma kienx għadu tħallas u wkoll ħlas ta' għassa tal-*watchmen* imqabbdin minnha biex jgħassu l-krejn. Fis-6 ta' Mejju, 1997[21], Beżżina bagħtet lil VAL kont imnaqqas għal Lm 6,692.57;

Illi fis-6 ta' Frar, 1998, Beżżina bagħtet ittra uffiċjali lil VAL biex tħallasha l-bilanċ u, minħabba li l-ħlas mitlub baqa' ma sarx, fetħet il-kawża f'Marzu tal-1999;

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> li joħorġu minn dan il-każ jintrabtu mal-kwestjoni dwar jekk Beżżina għandhiex jedd titlob il-ħlas li qiegħda titlob ladarba s-servizzi li ntalbet tagħti ma kinux baqgħu jingħataw sa tmiem il-biċċa xogħol li kellha ssir. Ma hemm l-ebda dubju li l-kiri tal-krejn min-naħa ta' VAL kien maħsub li jservi għall-proċess kollu tal-ħatt tat-tliet torrijiet. Il-krejn intuża għall-ħatt tal-ewwel minn dawk it-tliet torrijiet u mbagħad, minħabba l-kwestjonijiet li nqalgħu, iż-żewġ torrijiet l-

[16] Affidavit ta' Anthony Beżżina 9.4.2003, f'paġ. 63 tal-proċess
[17] Dok f'paġ. 71 tal-proċess
[18] Affidavit ta' Joseph Beżżina 29.1.2004, f'paġ. 87 tal-proċess
[19] Xhieda tal-A.I.Ċ. Ivan Coleiro 25.5.2005, f'paġ. 124 tal-proċess
[20] Dok f'paġ. 70 tal-proċess
[21] Dokti f'paġġ. 67 – 9 tal-proċess

oħrajn twaqqgħu minn nies imqabbdin minn VAL bla ma ntuża l-krejn;

Illi ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li VAL kienet l-appaltatriċi li rebħet is-sejħa għall-offerti għall-ħatt tat-tliet torrijiet, u nqdiet b'nies tagħha biex ħattithom. Min-naħa tagħha, Beżżina kienet kriet il-krejn lil VAL, iżda l-ftehim kien jagħmilha ċara li t-tħaddim tal-istess krejn kellu jibqa' fir-responsabbilta' waħdanija ta' Beżżina, li bagħtet raġel midħla tiegħu sewwa u li kien iħaddmu hu. Matul iż-żmien li dam jitħaddem il-krejn, l-istess operatur tiegħu kien jitlob aċċertamenti dwar l-istess tħaddim u dwar il-qagħda tal-mogħdija temporanja li fuqha kellu jinsaq;

Illi Beżżina ma tlumx il-fatt li l-krejn intuża biss fil-ħatt ta' wieħed mit-tliet torrijiet. Madankollu, tgħid li dan ma sarx b'kapriċċ min-naħa tagħha, iżda minħabba li VAL ma qagħditx għall-kundizzjonijiet tal-ftehim. Hija ssemmi tliet raġunijiet: (a) l-ewwel li l-mogħdija ma kenitx invellata biżżejjed biex il-krejn jinsaq minn torri għal ieħor; (b) li l-ħlas akkont miftiehem wara li nħatt l-ewwel torri ma kienx sar; u (ċ) li meta kien se' jibda x-xogħol tal-ħatt tat-tieni torri, il-polza ta' assikurazzjoni kienet għalqet. Ma huwiex kontestat li dawn it-tliet kundizzjonijiet kienu r-responsabbilta' ta' VAL. Dan joħroġ ċar mill-ftehim tal-kirja;

Illi Beżżina tisħaq ukoll li l-ħlas kollu minnha mitlub irid jitħallas, għaliex tgħid li VAL ma kellha l-ebda jedd taqbad u tħott iż-żewġ torrijiet li kien għad fadal mingħajr ma tgħarrafha li kienet se' tagħmel dan bla ma tinqeda bil-krejn mikri;

Illi, min-naħa tagħha, VAL tisħaq li Beżżina abbandunat l-appalt u għalhekk jistħoqqilha ħlas biss tax-xogħol li kienet wettqet

Illi l-Qorti jidhrilha li jkun xieraq u meħtieġ li tqis x'kienet in-natura tar-rabta kuntrattwali bejn il-partijiet, u dan minħabba l-effetti li dan jista' jkollu fuq imġiebet il-partijiet u s-soluzzjoni tal-każ. Beżżina tgħid li l-ftehim kien wieħed ta' kirja sempliċi suġġetta għal kundizzjonijiet li

riedu jitħarsu minn VAL. VAL tgħid li l-arranġament kien wieħed ta' sub-appalt.

Illi, minkejja x-xebh li jeżisti bejn il-kuntratt tal-kiri u dak tal-appalt, ma jistax ikun dubitat li l-liġi tagħraf bejn it-tnejn, l-aktar f'dak li jirigwarda t-tgawdija u l-kontroll. Fil-każ tal-kiri ta' ħaġa, l-liġi trid li ħaġa essenzjali ta' dak il-kuntratt tkun l-għoti favur il-kerrej tat-tgawdija tal-ħaġa għaż-żmien miftiehem[22]. Fil-każ tal-kiri ta' xogħol – li taħt it-tifsira tiegħu jaqa' l-kuntratt tal-appalt – il-parti (l-appaltatriċi) tintrabat li tagħmel xi ħaġa lill-parti l-oħra (kommittenti)[23]. Kif inhu mfisser tajjeb mill-awturi, "*mentre nella locazione prevale l'obbligo di dare, nell'appalto prevale quello di fare*"[24]. Issa jekk wieħed kellu jara sewwa x'arranġament intlaħaq bejn Beżżina u VAL, wieħed jasal biex jifhem li l-ftehim kien wieħed ta' appalt. Dan jingħad għaliex, b'mod ewlieni, l-kontroll tal-krejn baqa' esklussivament f'idejn Beżżina, li mhux biss inqdiet bil-ħaddiema tagħha biex tħaddmu, iżda żammet kontroll sħiħ ta' kif u taħt liema kundizzjonijiet kellu jitħaddem. Iżjed minn hekk, VAL ma ngħatat qatt il-pussess tal-krejn u wisq anqas it-tgawdija tiegħu;

Illi huwa magħruf li, fil-qafas tal-kuntratt tal-appalt, jekk kemm-il darba l-appaltatur ikun aċċetta li jidħol għal xogħol huwa mistenni u marbut li jwettaq dak kollu li jkun daħal għalih u li jagħmel dan skond l-aħjar ħila tiegħu u kif titlob is-sengħa. Isegwi wkoll li, jekk kemm-il darba min jindaħal għal biċċa xogħol ma jtemmhiex, ma jistħoqqlux ħlas għal dak ix-xogħol, u sakemm jintemm dak ix-xogħol, kull talba għall-ħlas tkun saret qabel waqtha (intempestiva)[25]. Dan ikun jgħodd aktar fejn il-ħlas ikun miftiehem bi prezz wieħed għax-xogħol kollu[26];

Illi, madankollu, fejn l-appaltant ikun b'imġiebtu qiegħed lill-appaltatur f'qagħda li ma jistax itemm il-ħatra mogħtija lilu, jew fejn ikun jidher li n-nuqqas tal-appaltatur li jtemm

---

[22] Art. 1526(1) tal-Kap 16
[23] Art. 1623 tal-Kap 16
[24] Alpa & Mariconda Codice Civile Commentato (2[a] Ediz, 2009), Lib. IV, paġ. 1739
[25] P.A. **21.3.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Portelli vs Ritchie*** (Kollez. Vol: **XLIV.ii.574**) u P.A. **14.2.1963** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Cavallo*** (Kollez. Vol: **XLVII.ii.650**)
[26] App. Ċiv. **24.1.1975** fil-kawża fl-ismijiet ***Mallia vs Fonk*** (mhix pubblikata)

ix-xogħol kollu mogħti jkun minħabba raġuni tajba, allura l-kwestjoni tat-talba għall-ħlas ma tibqax aktar waħda qabel waqtha, imma tkun tiddependi minn jekk l-inadempimet kienx wieħed sostanzjali jew jekk ir-raġuni li ma tnemmx ix-xogħol appaltat kenitx waħda tajba[27]. Hawnhekk jidħlu l-kriterji maħsuba mil-liġi fl-artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili dwar iċ-ċirkostanzi meta l-appaltant innifsu jagħżel li jtemm l-appalt qabel il-waqt;

Illi huwa meqjus li dak li jikkostitwixxi raġuni tajba biex appalt jitwaqqaf mill-kommittent qabel il-waqt jista' jinġabar taħt il-kappa tan-nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt. Tali nuqqas jista' jseħħ jew bl-għoti ta' xogħol ħażin u mhux skond is-sengħa; jew bl-għoti ta' xogħol li, għalkemm fih innifsu jkun sar tajjeb, ma jkunx dak li ġie mitlub jew miftiehem; jew bin-nuqqas ta' twettiq f'waqtu jew mogħti b'dewmien eżaġerat jew lil hinn miż-żmien miftiehem; jew inkella fejn, bix-xogħol mibdi, jkun jidher li qegħda ssir ħsara lill-ġid tal-istess kommittent. Iżda jekk kemm-il darba l-kommittent minn rajh iħoll il-kuntratt ta' appalt li jkun ta lill-appaltatur, mingħajr ma jkun hemm kondizzjoni riżoluttiva espressa fil-ftehim, l-kommittent ma jistax jinqeda bl-iskuża tal-eżistenza tal-kundizzjoni riżoluttiva taċita (li hija bil-liġi[28] meqjusa bħala applikabbli f'kull kuntratt bilaterali), biex unilateralment iħoll il-kuntratt. F'każ bħal dan huwa dejjem mistenni li tinkiseb l-awtorizżżazzjoni tal-Qorti għall-ħall tal-kuntratt. Jekk l-appaltant jieħu u japplika waħdu deċiżjoni f'dan is-sens, iqiegħed ruħu fil-pożizzjoni li jrid iwieġeb għall-appaltatur skond ma trid il-liġi fl-artikolu 1640(2)[29];

Illi, madankollu, ukoll fejn ix-xogħol ma jkunx twettaq kollu, ma jistax jingħad li l-kuntratt ma twettaqx, għaliex inadempiment f'biċċa biss mix-xogħol kollu mogħti ma jistax jitqabbel ma' nuqqas sħiħ ta' twettiq. F'każ bħal dan, fejn parti mix-xogħol tkun twettqet u tkun tiswa lill-appaltant, dan ma jistax jirrifjuta li jħallas għax-xogħol li sar;

[27] P.A. PS **18.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Sacco vs Penza Construction Ltd*** (mhix appellata)
[28] Art. 1068 tal-Kap 16
[29] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Albert Sacco vs John Camilleri***

Illi jitqies li l-appaltatur kien inadempjenti jekk, fejn ikun ta xogħlijiet li ma jkunux tajbin jew skond is-sengħa, jibqa' jwebbes rasu għat-talba tal-kommittent biex jagħmel tajjeb għal tali nuqqasijiet: f'każ bħal dan, l-appaltant jista' jgħaddi biex ineħħi l-imsemmija difetti bla ħtieġa li joqgħod jitlob l-awtorizżżazzjoni tal-Qorti għal dan[30];

Illi minbarra dan, jekk kemm-il darba l-appaltant, minkejja l-inadempiment min-naħa tal-appaltatur, ikompli x-xogħlijiet billi jqabbad lil ħaddieħor, la jista' jibqa' jistkenn taħt id-difiża tal-intempestivita' tat-talba tal-appaltatur għall-ħlas[31], u lanqas tal-inadempiment tax-xogħol li laħaq ingħata, billi dan jitqies li kien taċitament aċċettat[32];

Illi meta wieħed japplika l-prinċipji ta' dritt li għadhom kemm issemmew għall-fatti tal-każ, lill-Qorti jirriżultalha li n-nuqqas ta' Beżżina milli ttemm il-ħatra mogħtija lilha minn VAL kien imnissel mill-inadempiment tal-istess VAL. Il-Qorti ma hijiex konvinta li l-kwestjoni kienet il-mod kif saret il-mogħdija temporanja u mix-xhieda mressqa minn VAL tista' tasal biex tgħid li minn dan l-aspett VAL ma kenitx inadempjenti. Madankollu, ż-żewġ raġunijiet l-oħrajn imsemmijin minn Beżżina – jiġifieri, n-nuqqas ta' ħlas kif miftiehem u l-iskadenza tal-polza ta' assikurazzjoni – kienu raġunijiet tajbin u serji biex Beżżina ma tidħolx f'riskju u ma tkomplix tagħti s-servizz mitlub. Irriżulta li t-tieni akkont tal-ħlas (fis-somma ta' Lm 3450) kellu jitħallas hekk kif ikun inħatt l-ewwel torri. Dan il-ħlas ma sar qatt. Il-polza ta' assikurazzjoni għalqet meta ma kienx għadu nbeda x-xogħol tal-ħatt tat-tieni torri. Dawn iż-żewġ kundizjonijiet kienu t-tnejn minn fost bosta li kienu miftehmin u maqbula espressament bejn il-partijiet, kienu kundizzjonijiet li kienet VAL li ntrabtet li twettaq f'kull ħin tal-ingaġġ ta' Beżżina, u rriżulta li kienet VAL li naqset li żżomm magħhom fiż-żmien kollu tal-appalt miftiehem;

Illi l-effett li joħroġ minn din il-fehma tal-Qorti hu dak li jopprovdi l-artikolu 1640(2) tal-Kodiċi Ċivili. Dan jingħad għaliex fejn ikun l-appaltant innifsu li jkun jaħti għall-

[30] P.A. PS **9.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Raphael Micallef vs Anthony Aġius***
[31] P.A. PS **28.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Sciberras et vs Anthony Montebello pro et*** (mhix appellata)
[32] App. Inf. PS **17.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Beżżina et vs Joseph Attard et***

abbandun tal-appalt jew iqiegħed lill-appaltatur f'qagħda li ma jistax itemm il-ħatra, dik l-imġiba titqies bħallikieku l-appaltant ikun keċċa lill-appaltatur. F'dan il-każ, l-appaltatur jstħoqqlu ħlas li jikkonsisti fil-ħlas tal-ispejjeż u tax-xogħol kollu tiegħu li jkun laħaq temm u kif ukoll ta' somma oħra li titkejjel mill-Qorti u li ma tkunx taqbeż il-qligħ li l-appaltatur seta' jagħmel li kieku tħalla jtemm l-appalt. Ta' min jinnota li dik id-dispożizzjoni tal-liġi ma tgħidx li l-appaltatur għandu dritt għall-ħlas kollu daqslikieku kien temm ix-xogħol kollu appaltat;

Illi wara li l-Qorti qieset is-somma sħiħa tal-appalt fil-qafas tax-xogħol kollu li kellu jsir; wara li ħadet qies tas-servizz li tat Beżżina fl-imsemmi appalt; wara li qieset in-nefqia li Beżżina daħlet għaliha biex tħalli nies għassa mal-krejn ukoll meta ma kienx qed jitħaddem; wara li qieset li l-krejn tħalla fuq is-sit għal aktar minn tnax-il jum tax-xogħol; wara li qieset it-tnaqqis fis-somma mitluba li Beżżina minn rajha (jew, kif tgħid hi, minħabba l-malintiż min-naħa tal-avukat tagħha); wara li qieset il-qligħ li Beżżina kienet tagħmel kieku temmet is-servizz kollu li ntalbet; u wara li qieset ukoll il-ħlas akkont li VAL kienet għamlet bil quddiem[33], hija tasal għall-fehma li Beżżina jistħoqqilha ħlas ta' sitt elef mija u tlieta u tletin lira Maltin[34] (Lm 6,133)[35]. Madankollu, minħabba li t-talba tagħha hija għal somma speċifika ta' anqas minn hekk, il-Qorti ma tistax tilqa' aktar minn dak li ntalab. Għalhekk, qiegħda tillikwida l-ħlas dovut minn VAL fis-somma ta' għaxart elef mitejn u wieħed u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmi (€ 10,231.94);

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

---

[33] Art. 1640(4) tal-Kap 16

[34] (Lm11,500)/3 = Lm 3,833 + (Lm 575 x 8) – Lm 2,300 = Lm 6,133 (€ 14,286)

[35] Li jġibu € 14,286 fi flus tal-lum

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-kumpannija mħarrka għandha tħallas lill-kumpannija attriċi bilanċ ta' għaxart elef mitejn u wieħed u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmi (€ 10,231.94) rappreżentanti ħlas ta' servizz ta' krejn mitlub u miftiehem mal-istess kumpannija mħarrka;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-kumpannija attriċi l-imsemmija somma ta' għaxart elef mitejn u wieħed u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmi (€ 10,231.94), flimkien mal-imgħax legali b'seħħ mit-23 ta' April, 1999, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-kumpannija mħarrka għaliex m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tikkundanna** lill-kumpannija mħarrka tħallas l-**ispejjeż tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------